

- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Latvja għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 388, 3.11.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 3 ta' Marzu 2016 – Ugly vs UASI – Group Lottuss (COYOTE UGLY)

(Kawża T-778/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark verbali Komunitarja COYOTE UGLY — Raġunijiet relattivi għal rifjut — skadenza tat-trade mark Komunitarja preċedenti — Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza tat-trade mark mhux irreġistrata — Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009 — Assenza ta’ trade mark li hija magħrufa sew fis-sens tal-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi — Artikolu 8(2)(ċ) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2016/C 136/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ugly, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: T. St Quintin, barrister, K. Gilbert u C. Mackey, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Lukošiuūtė, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Group Lottuss Corp., SL (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Settembru 2014 (Każ R 1369/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ugly, Inc. u Group Lottuss Corp.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ugly, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 2016 – Spokey vs UASI – Leder Jaeger (SPOKeY)

(Kawża T-846/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva SPOKeY — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti SPOOKY — Dikjarazzjoni ta’ invalidità parzjali — Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Eżami tal-provi — Article 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni — Article 75 tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2016/C 136/46)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Spokey sp. z o.o. (Katowice, il-Polonja) (rappreżentant: B. Matusiewicz-Kulig, avukat)